# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 57**

**nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017, fil-5:30pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 57 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella - Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Mario Sammut – Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:51pm.

ii. Is-Sindku Paul Vella ippresjeda l-laqgħa.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tal-live-streaming.

**57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

57.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta messaġġi mingħand il-Kunsilliera Mario Sammut u Elia Borg li, minħabba raġunijiet personali, ma setgħux jattendi din il-laqgħa. Il-Kunsill approva unanimament li din l-apoloġija tiġi aċċettata u għaldaqstant is-Sur Sammut u s-Sur Borg kienu irreġistrati bħala Assenti b' Apoloġija.

**57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

57.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

57.3.1 Is-Sindku informa li kienu ġew installati skips fi' Triq Sir Temi Zammit għall-iskart agrikolu tal-bdiewa.

57.3.2 Is-Sindku ta' rendikont ta' x' kin sar waqt laqgħa li saret dwar serra li qed tiġi proposta li tinbena qrib il-post fejn jinħaraq in-nar tal-festa ta' Santa Marija. Għal din il-laqgħa kienu preżenti diversi 'stake-holders' tal-festa, fosthom dawk li jaħarqu in-nar.

57.3.3 Is-Sindku informa lil Kunsill li kienet iddaħħlet l-applikazzjoni għall-Miżura 4.3 dwar toroq rurali.

**57.4 Korrispondenza**

57.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mid-DLG dwar żbilanċi nnutati f' ċertu kunsilli fil-ħlas tat-taxxi u s-sigurta' soċjali. Informa wkoll li kien mar personalment id-dipartiment tat-taxxi interni biex jara il-qagħda tal-Kunsill. Peress li dan id-dipartiment kien għadu ma ħadimx it-taxxa tal-Kunsill għas-sena 2016, il-proċess kien għadu ma ingħalaqx. Skond l-estimi tal-istess dipartiment, il-Kunsill kien ħallas xi taxxa żejda u mhux nieqsa, imma dan għad irid jiġi kkonfermat.

57.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għal darb' oħra it-talba tas-Sa. Dorianne Farrugia, ħaddiema, sabiex titla' min Skala 14 għal Skala 13 tas-salarju. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u peress li s-Sa. Farrugia dejjem kellha riżultati tajbin fis-snin li ilha taħdem mal-Kunsill, il-Kunsill unanimament approva din it-talba, b' seħħ immedjat.

57.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fis-17 ta' Ġunju kienet ser issir l-attivita' 'Tour, Teatru u Tazza Te'' fit-teatru tal-Oratorju, bħala parti mill-attivitajiet marbuta mal-Valletta 2018.

**57.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

57.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ mistoqsijiet magħmula mill-Kunsillier Clayton Gauci.

57.5.2 Fl-ewwel waħda talab min kien agħmel ir-railing li kien ġie nstallat riċentement fil-Ġnejna, u s-Sindku wieġeb li dan kien tħallas mill-Kunsill filwaqt li x-xgħol kien sar mill-Għaqda tal-Ġnejna.

57.5.3 Fit-tieni mistoqsija, il-Kunsilier Clayton Gauci talab li l-għaqda tal-volleyball tingħata permess li tuża s-sala tal-Kunsill għal attivita' li kienet ser issir fil-21 u 22 ta' Lulju. Il-Kunsill approva dan.

**57.6 Rapporti**

57.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

**57.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

57.7.1 Ma kienx hemm aktar punti dwar dan l-artikolu.

**57.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

57.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 06/2017, li kienet tammonta għall-€22,793.40.

57.8.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda u l-iskeda ġiet iffirmata u l-pagamenti ta' fuqha ġew awtorizzati.

**57.9 Mozzjonijiet**

57.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**57.10 Hruġ ta' Sejħiet ta' Offerti**

57.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa kienet inħarġet sejħa għall-3 sejħiet tal-offerti li jgħalqu nhar l-Erbgħa 12 ta' Lulju, li huma :

- Fencing Riġidu
- Turf Artifiċjali
- Konkos għat-toroq ta' Miżura 4.3

57.10.2 Fil-ġimgħat li ġejjin ser jinbeda il-proċess biex tinħareġ sejħa oħra, relatati mal-proġett tas-serra f' tal-Facciol.

**57.11 Attivitajiet għax-xhur tas-Sajf**

57.11.1 Il-Kunsill qabel li jsir żewġ attivitajiet għal żmien il-festa. L-ewwel attivita' għandha tkun taħdita ta' informazzjoni dwar l-aspetti kulturali u artistiċi tal-knisja parrokkjali u l-oħra tkun ikla f' Wesgħat il-Ġublew fil-ġranet ta' qabel il-festa.

**57.12 Servizzi fil-Ġnejna matul is-Sajf**

57.12.1 Is-Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellu mad-Direttur tal-Indafa Pubblika, is-Sur Ramon Deguara. Għal din il-laqgħa kien hemm ukoll ir-rappreżentant tal-Għaqda tal-Ġnejna. Ġie diskuss is-suġett tal-iskart fil-Ġnejna matul is-sajf. Ġie deċiż li ssir laqgħa għall-membri kollha tal-Għaqda biex tintalab aktar kooperazzjoni mingħand kulħadd.

57.12.2 Min-naħa tiegħu il-Kunsill ser ikun qed jibda' il-ġbir ta' skart xahar qabel mis-sena l-oħra u ser ikun qed jagħmel arranġamenti mal-kuntrattur tal-lattrina pubblika biex din tinżamm aktar nadifa u b' persuna għassa magħħa skond il-bżonn.

**56.12 Tmiem tal-laqħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

57.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:08pm.

57.12.2 Il-Laqgħa li jmiss issejħet għal-Erbgħa 12 ta' lulju 2017, fil-5:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***